**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 89 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**George Vella**

Illum 23 ta' Mejju, 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, George Vella detenur tal-karta tal-identita Maltija 78161 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> F'isem il-Kontrollur Tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed tigi akkuzat talli fid-29 ta' April 2007, gewwa r-Rabat Malta, wara tfittxija li saret minn Uffcjali tad-Dwana fil-vettura, vann tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' Registrazzjoni DBL 724 ta' l-istess George Vella, u sussegwentament f garaxx mikri lilek, fi Triq Alofju Wignacourt, Bugibba, nstab li sabiex tikseb xi vantagg ghalik innifsek u jew ghal haddiehor, xjentement, kellek fil-pussess tieghek u/jew Iqajt ghandek, zammejt kif ukoll kellek b'xi mod x'taqsam billi ghint jew assistejt fil-garr, twarrib, habi jew depozitu ta' sigaretti, tabakk u xorb alkoholiku bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn that, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t- Taxxa

li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti u x-xorb:

1) (Sigaretti / Xorb misjuba fil-vettura numru DBL 724).

- Kaxxa b 24 internal, b 5 pouches kull internal - Drum Halfzware Shag Tobacco
- Kaxxa b' 24 internal, b' 5 pouches kull internal -Drum Bright Blue Tobacco
- Kaxxa b' 12 internals, b' 10 pouches kull internal - Golden Virginia Tobacco 11-il internal, b' 5 pouches kull internal - Old Holborn Blue Tobacco
- 10 internals, b 5 pouches kull internal - Old Holborn Yellow Tobacco
- 11-il internal, b’ 5 pouches kull internal – Old Holborn Blue Tabacco

2) (Sigaretti /Tabakk u xorb misjuba fil-garaxx)

- 61 kaxxa, b' 12-il internal kull kaxxa, b' 10 pouches kull internal - Golden Virginia Tobacco
- 31 kaxxa, b' 24 internal kull kaxxa, b'5 pouches kull internal - Drum Bright Blue Tobacco
- 68 kaxxa, b' 24 internal kull kaxxa, b' 5 pouches kull internal Shag Tobacco - Drum Halfzware Shag Tabacco
- 44 kaxxa, b' 20 internal kull kaxxa, b' 5 pouches kull internal - Old Holborn Tobacco
- 15-il kaxxa, b' 20 internal kull kaxxa, b'5 pouches kull internal-Old Holborn Yellow Tobacco
- 14-il internal, b'5 pouches kull internal -Drum Halfzware Shag Tobacco
- 10 internal, b' 5 pouches kull internal -Drum Bright Blue Tobacco
- 3 internals, b' 5 pouches kull internal Old Holborn Tobacco
- 41 Kaxxa b' 25 Kartuna kull b' 200 sigarett kull kartuna Silk Cut7
- 7 Kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna Silk Cut 200 sigarett kull kartuna-Raquel
- 13-il Kaxxa b 50 Kartuna kull b
- 9 Kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna-Raquel
- 37 Kartuna b' 200 sigarett kull kartuna – Merit

- 12-il kaxxa b'6 fliexken ta 1ltr Teachers Whisky - Kaxxa b' 12-il flixkun ta 1ltr Smirnoff Vodka Red.
- 4 fliexken ta 1 Itr- Bacardi Rum
- 6 fliexken ta 1ltr- Smirnoff Vodka Red
- 9 fliexken ta 70cl - Chivas Regal Whisky

**Valur: € 41,296.34** **Dazju ta' importazzjoni: €28,510.74**

**Dazju tas-Sisa: € 121,674.17** **Taxxa fuq il-Valur Mizjud: € 34,466.62**

**(Id-Dazju ta' Importazzjoni huwa applikabbli bis fir-rigward tas-sigaretti u it-tabakk)**

Talli wkoll fl-istess data, hin u cirkostanzi, kontra il-ligi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement iddisponejt minn sigaretti u xorb ta' din ix-xorta, fi kwantita' kifjidher hawn taht:

- 13-il kartuna, b'200sigarett kull kartuna – Merit
- 3 fliexken ta 70cl - Chives Regal Whisky

**Valur: € 144.95** **Taxxa fuq il-Valur Mizjud: € 91.60**

**Dazju ta' importazzjoni: € 59.90** **Dazju tas-Sisa: € 304.07**

**(Id-Dazju ta' Importazzjoni huwa applikabbli bis fir-rigward tas-sigaretti u it-tabakk)**

Dan it-tabakk, sigaretti u x-xorb, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa pprojbit u/jew ristretti u/jew limitat għandu Valur totali ta' €41,441.29, Dazju tas- Sisa dovut ta' €121,978.14 u ukoll fir-rigward is-sigaretti u ttabakk biss Dazju ta' Importazzjoni ta' €28,570.64 filwaqt li kemm fuq issigaretti, it-tabakk u x-xorb, Taxxa fuq il-valur mizjud (V.A.T) tammonta ghal €34,558.22 -fejn liema Dazju u Taxxa ma kienux gew imhallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta' l-artikoli

i) 80 ta' 1-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998).

ii) 60 (c) (d) (e) (k), 62 (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62, 68(1), 69(1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37.

iii) u kif ukoll Artikoli 16 (1) (i) u 17 (a), Regolament 13 tat-Taqsima Bu tar-Regolament 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda, ta' l-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-ahharnett din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba ukollilli fkaz ta htija tordna il- konfiska ta l-oggetti kollha esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-20 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 80 ta' l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' 1-1998), l-Artikoli 60 (c) (d) (e) (k), 62 (c) (e) (f) (g) (h) (i) (k), paragrafu (a) tal-Proviso ta' l-Artikolu 62, 68(1), 69(1)(2) ta' l-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 u kif ukoll Artikoli 16 (1) (i) u 17 (a), Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 7 tat-Taqsima C fis-Sitt Skeda, ta' I -Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap 382, tal-Ligijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lill-imputat George Vella hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u multa komplessiva ta' €450,554.73 li terz minnha ossia €150,184.91 huma pagabbli minnufih bhala dejn civili lid-Direttur Generali (Dwana); il-bilanc ghandu jithallas skond il-ligi.

Il-Qorti fehmitu fi kliem car u li jinftiehem ir-responsabbiltajiet tieghu skond din is-sanzjoni imposta.

In oltre l-Qorti ordnat l-konfiska skond il-ligi ta' l-oggetti kollha, maqbuda permezz tan-nota ta' Qbid 11/2009 kif wkoll tal-vettura DBL 724.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant George Vella, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-8 ta' Marzu, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell u thassar u tikkancella s-sentenza appellata in kwantu sabet lill-l-esponent hati ta' l- imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin skond l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u multa komplessiva ta' €450,554.73 u ghall-konfiska tal-oggetti maqbuda, u minflok tilliberah minn kull htija u piena jew alternattivament tvarja l-istess fil-parti li tikkoncerna l-multa nflitta billi timpani piena pekunjarja gusta u li verament taghmnel tajjeb ghall-kaz skond id-dettami tal-gustizzja.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant George Vella li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

**<u>L-EWWEL AGGRAVJU</u>**

Illi l-proceduri kollha mehuda quddiema l-Ewwel Qorti huma nulli u/jew monki u dan in vista tal- fatt illi qatt ma saret id-debita konferma bil-gurament tal-letters to prosecute tal-Kummissarju tal-VAT datata 20 ta' Frar 2009 (ara fol 17 - Dok Vat) u dik tal-Kontrollur tad-Dwana datata 13 ta' Frar 2009 (ara fol 32- Dok JCI) mill-persuna li effetivament kienet irrilaxxat l-istess dokumenti li huma essenzjali u rikjesti sine qua non sabiex titmexxa prosekuzzjoni ghall-akkuzi bhal dawk odjerni migjuba kontra l-esponenti.

Minn ezami semplici tad-dokumenti suriferiti u tal-atti tal-kawza jirrizulta manifest illi l-letters to prosecute tal-Kummissarju tal-VAT datata 20 ta' Frar 2009 li tinsab a fol 17 u mmarkat bhala Dok VAT gie ezebit minn certu Alfred Caruana Petit fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 pero l-awtur tieghu kienu certu Paul Scicluna, filwaqt letters to prosecute tal-Kontrollur tad-Dwana datata 13 ta' Frar 2009 li tinsab fol 32 u mmarkata bhala Dok JCI giet ipprezentat minn certu John Camilleri ukoll fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2012 pero ghal darba ohra l-awtur tad-dokument ma' kienx hu izda Spiridione Galea. Dan kollu għalhekk fl-umli fehma tal-esponent iwassal biex iz-zewg dokumenti li kienu / huma essenzjali ghat-tmexxija tal-azzjoni kontra l-esponent baqghu minghajr d-debita konferma bil-gurament tal-awtur taghhom liema nuqqas jirrendi l-istess dokumenti invalidi u/jew mhux ammissibbli u/jew minghajr ebda valur probatorju tal-kontenut taghhom. Bhala konsegwenza umilment l-esponenti jikkontendi illi galadarba minghajr dawn iz- zewg dokumenti ma' setgha qatt ikun hemm proceduri kontra tieghu, allura l-proceduri hawn appellati issa għandhom jigu dikjarata monki u/jew nulli gahr-raguni suseposta.

**<u>TIENI AGGRAVJU</u>**

Illi l-Ewwel Qorti ma' setghat qatt legalment u ragonevolment issib htija fil-konfront tal- esponent u dan ghaliex il-prosekuzzjoni naqset manifestament milli tressaq prova ta' l-aktar element materjali essenzjali tar-reati li kienu qed jigu addebitati lill-esponent u cioe' illi effetivament dak li nstab u li gie maqbud mill-ufficjali tad-dwana u pulizija kien effettivament oggett dazjabbli.

Illi l-appellant jissottometti li fid-dawl tal-fatt li l-Prosekuzzjoni akkuzatu b'kuntrabandu ta' sigaretti, kif ukoll fid-dawl tal-principju legali 'onus probandi incubit ei qui dicit', l-obbligu bazilari tal-prosekuzzjoni kien li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li x' kien effettivament il-kontenut tal-merkanzija. Fil-kaz odjern dan qatt ma sar.

Ghalkemm gew prezentati ritratti tal- merkanzija li juru kaxxi li normalment jintużaw ghal sigaretti/tabakk, l-appellant jissottometti li l-Prosekuzzjoni assumiet illi l-kaxex kienu jikkontjenu sigaretti u/jew tabakk. In effetti fl-investigazzjoni kollha li

pprecediet il-kaz kontra l-esponent la inzammet inkkejsta magisterjali, u lanqas ma' giet segwita l-procedura tar-repert, Imbagħad fil- kors tal-kawza innifisha la qatt inhatar espert u lanqas qatt ma' giet ezebiti materjalment **imqar parti** mill-oggetti mertu tal-akkuzi.

Tabilhaqq l-unika prova [oltre n-noti ta' qbid relattivi] li tresqet mill-prosekuzjoni dwar x' kienu l-oggetti elevati kienu biss sett ta' ritratti li jinsabu fol. 73 sa fol. 87 u li ezebiti minn certu Anthony Fenech fit-28 ta' April 2016 [fol. 69 et seq. ] u li juru biss numru ta' kaxxi tal-kartun li minnohm il-parti l-kbira kienet addiritura maghluqa, li wahda minhhom biss turi pouches tal- plastik u ohra flixken trasparenti u dan fil-mahzen tad-dwana u mhux fejn u kif instabu a tempo vergine.

Illi l-appellant jissottometti li tifli kemm tifli l-atti processwali, imkien ma jigi ppruvat li l- imsemmi kaxxi tal-kartun u/jew pakketti kienu jikkontjenu sigaretti jew tabakk jew alkohol.

Illi l-esponent issottommetti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipproduci imqar ritratt wiehed tal- kontenut tal-imsemmija pakketti sabiex setgha jigi kkonfermat illi l-konteneti tal- merkanzija de quo kien tabakk jew sigaretti.

Illi l-artikolu 638(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-appellant jaghmel referenza ghalih jaqra:

'Bhala regola, għandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."

L-appellant għalhekk jisottometti li fin-nuqqas ta' prova xjentifka u oggettiva minn espert indipendenti u imparzjali illi tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li tali merkanzija kienet kontenenti sigaretti, tabakk jew alcohol, kif ukoll fin-nuqqas ta' imqar provi ohrajn li jipprovaw x'kien il-kontenut gewwa l-istess kaxex u kartun, fin-nuqqas ta' prova li l-kontenut tal- imsemmija merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin, l-appellant hu tal- fehma li l- Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal- grad legalment rikjest.

Illi ghall-fini ta' dan il-gravam, u in sotenn tal-argumenti legali hawn ventilati, l-esponent jistrich interament fuq il-gudikat erudit moghti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Borg et deciz nhar il-15 ta' Jannar 2019 [App. Nru. 312/2018CSH].

**TIELET AGGRAVJU**

Illi ghall-istess ragunijiet indikati fit-tieni aggravju u minghajr ebda preguizzju ghall-istess, I- Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skoretta tal-ipotezi tal-ligi meta applikat l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 u spustjat l-oneru tal-prova fuq l-esponent.

Illi minn qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prova li trid taghmel il- prosekuzzjoni hi lil-oggetti elevati u maqbuda huma oggetti ghad-dazju, vat cisa etc... Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il- ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti.

Madankollu qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, huwa necessarju li l- prosekuzzjoni tipprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan tassew uy dazjabbli u jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti tal-kawza odjerna jirriżulta li numru [ferm zghir] ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal 'sigaretti, xorb u tabakk' misjuba, u minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti, fosthom ritratti ta' kaxxi bl-ismijiet ta' ditti ta' tabakk, sigaretti u xorb alkoholiku kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut. Meta u jekk jigi stabbilit il-kontenut tal- kaxxi illi umbghad ikun jinkombi fuq l-imputat biex jipprova li d-dazju thallas.

Illi anki f ghall-fini ta' dan il-gravam, u a skans ta' ripetizzjoni l-esponent jerga jistrich interament fuq l-insenjamenti li jemergu mill-gudikat precitat fl-ismijiet Il-Pulizija vs Michael Borg et deciz nhar il-15 ta' Jannar 2019 [App. Nru. 312/2018CSH].

**RABA' AGGRVAJU**

Illi minkejja illi l-Ewwel Qorti ma' ghamlet l' ebda referenza ghalihom fid-decizjoni taghha, ghall-kompletezza ta' dan l-appell u in sostenn tal-aggravji hawn sollevati l-esponent jirrileva illi d-dokumenti mmarkati ABI, AB2 U AB3, huma dokumenti inammissibbli jew bla valur probatorju kontra l-esponent meqjusa bhala relevanti ghad-determinazzjoni tal-appell odjern, huma dokumenti inammissibbli jew bla valur probatorju kontra l-esponent, u dan kif ser jigi spjegat ahjar fil-kors tat-trattazzjoni orali ta' dan l-appell.

**HAMES AGGRAVJU**

Illi l-piena pekunjarja mposta fuq l-esponent kient wahda maniofestament eccessiva u dan ghaliex l-istess kienet ibbazat fuq anomalija legali li minnha nnifisha hija leziva tad-drittijiet ghall-smiegh xieraq tal-esponent kif ser jigi spjegat.

Illi l-esponenti kienmixli, b'reati taht 1-Ordinanza tad-Dwana, Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, 1-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta liema ligijiet jaghtu poteri ultra diskrezzjonali lil Kontrollatur tad-Dwana proprju għaliex fl-eventwalita' ta' sejbien htija, il-pieni pekunjarji li ghalihom l-hati jkun soggett, mhux talli ma' humiex certi u ben determinati izda addiriutra jigu mposti u kkalkolati fuq il-valutazzjoni li l-Kontrollatur tad-Dwana jaghmel tal-oggetti maqbuda f'dan il-kaz sigaretti/ tabakk u xorb alkaholiku;

lilli l-valutazzjoni magħmula mill-Kontrollatur tad-Dwana torbot anke l-poteri decizorji tal- Qorti u dan stante li l-Kontrollatur tad-Dwana, li huwa l-akkuzatur tal-esponent, jassumi funzjonijiet gudizzjarji billi arbitrarjament ifassal il-parametri tal-piena li tista' tigi nflitta f'kaz ta' sejbien ta' htija;

Kwindi il-piena pekunjarja li giet inflitta fil-kaz odjern inħadmet fuq dawn cifri li waslet għalihom jew ahjr li gew mahluqa mill-istess Awtorita' li talbet li jinbdew proċeduri kontra l- istess esponenti.

Ghal fini ta' kjarezza, l-anamolija tas-sitwazzjoni tista tigi migbura fis-segwenti kronologija:

1. **Id-Dwana** titlob lil-Pulizija Ezekuttiva biex tressaq;

2. **Id-Dwana** tivvaluta l-oggetti maqbuda;

3. **Id-Dwana** tikkomputa l-valur tad-dazju u t-taxxa skont il-valutazzjoni tal-oggetti maghmula mill-istess **Dwana**;

4. F'kaz ta' htija, il-Qorti ghandha jdejha marbuta u trid bilfors tinfliggi dik il-piena li tkun giet mahduma u kalkolata fuq il-valutazzjoni tal-oggetti (maghmula **mid-Dwana**) u r-risultanti komputazzjoni ta' dazju u taxxa (wkoll maghmula **mid-Dwana**)

Din id-diskrezzjoni arbitrarja zgur li llediet id-dritt fundamentali tal-esponenti kif protett fl- Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id- Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem stante li l-piena ghal allegat reat kommess ma kenitx maghrufa fil-mument li gie kommess l-allegat reat oltre 'I fatt li l-istess piena hija dipendenti interament fuq il-valutazzjoni tal-Kontrollatur tad-Dwana.

Illi għalhekk fl-umli fehma tal-esponent il-valutazzjoni suriferita f' dan il-kaz ghandha tigi dikjarata bhala wahda inammissibbli u inapplikabbli u bhala tali għandha tigi skartata ghall- finijiet ta' kalibrazzjoni u erogazzjoni tal-piena pekunjarja imponibbli kontra l-esponent.

Illi dwar dan il-gravam l-esponent qieghed sa minn issa jirriserva illi jitlob riferenza kostituzzjonali jekk u meta jkun rikjest u/jew mehtieg.

**Ikkunsidrat,**

Permezz tal-**<u>ewwel aggravju </u>**tieghu l-appellant qieghed jghid illi l-proceduri kollha mehuda quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli u/jew monki u dan ghaliex il-*letters to prosecute* kemm dik tal-Kummissarju tal-VAT, kif ukoll tal-Kontrollatur tad-Dwana ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn dawn tal-ahhar.

Din il-Qorti tghaddi sabiex tikkonferma illi huwa minnu kif qal l-appellant illi l-*letters to prosecute* ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn min iffirmahom, madankollu dan bl-ebda mod ma jfisser illi l-proceduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti huma monki u/jew nulli. B'referenza partikolari ghal Dok VAT a fol. 17 et seq tal-process, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mandy Mallia</u>**[1] fejn gie ritenut hekk dwar il-*letter to prosecute*:

> *'6. Illi preliminarjament, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud liema dispożizzjoni tal-Liġi taqra bis-segwenti mod:*
>
> > *Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief* ***<u>minn jew bil-permess tal-Kummissarju</u>****, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenza finali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju.*
>
> *7. Minn qari ta' din id-dispożizzjoni tal-Liġi, jirriżulta li dak li l-Leġislatur kellu f'moħħu huwa li l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att jibdew biss fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi. Dan ikun ifisser li l-proċeduri penali għal ksur tad-dispożizzjonijiet taħt dan il-Att, ma jistgħux jinbdew ex officio mill-Pulizija sakemm ma tkunx qabel saret talba f'dan is-sens skont id-dettami tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta.* ***<u>Fil-prattika, din it-talba tissejjaħ 'letter to</u>***

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar l-20 ta' Dicembru, 2022.

***<u>prosecute' u titqies li hija l-bażi tal-każ tal-Prosekuzzjoni hekk kif l- Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 ma jagħti lok għall-ebda interpretazzjoni ħlief dik li jirrikjedi 'letter to prosecute' sabiex jiġu istitwiti l-proċeduri penali taħt l-imsemmi Att skont il-Liġi.</u>***

*8. Ikun għalhekk isegwi illi dik ikkontemplata fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83(1) tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta mhix sempliċement formalita' iżda hija rekwiżit li tirrikjedi l-Liġi għall-validita' tal-proċeduri taħt dan il-Att.* ***<u>Din il-Qorti tqis ukoll li l-Liġi ma tispeċifikax x'għandu jkun fiha l-'letter to prosecute' ħlief li min-natura tagħha din għandha tikkonsisti f'talba sabiex jinbdew proċedimenti penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406.'</u>***

Din il-Qorti tghid illi fliet iz-zewg dokumenti u cioe' il-*letter to prosecute* immarkata bhala Dok VAT esebita a fol. 17 et seq tal-process u Dok JC1 esebita a fol. 32 et seq tal-process. F'Dok VAT fil-lista tax-xhieda hemm indikati *'l-Kummissarju tal-VAT jew rapprezentanti tieghu'*, filwaqt li fil-lista tax-xhieda ta' Dok JC1 hemm indikati:

*'Ufficjali tad-Dwana: Anthony Bonello*
*John J. Sammut*
*A. Calleja*
*N. Cesareo*

*Ufficjal Valutazzjoni tad-Dwana*
*Rapprezentant mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud*

*Ufficjali tal-Pulizija.'*

Ghaldaqstant kif jista' jigi nnutat, sa mill-bidu nett qatt ma kienet l-intenzjoni li jixhdu dawk li ffirmaw il-*letter to prosecute* b'mod specifiku ghaliex kieku kienu jigu specifikati fil-lista tax-xhieda. Il-ligi ma tipprovdix xi jrid ikun fiha ezatt il-*letter to*

*prosecute* izda huwa desiderabbli li min jiffirma dokument, ikun hu li jikkonfermah bil-gurament u dan anke stante l-*best evidence rule.* Madankolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Cutajar**[2] gie ritenut hekk dwar ir-regola tal-*best evidence* u l-interpretazzjoni tal-istess:

> *'Il-"best evidence rule" hija riprodotta fil-Ligi taghna fl- Artiklu 638 tal-Kap 9 fejn issub Artiklu 1 jghid: "Bhala regola ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti u li ma tithalla barra ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti". Dan l-Artiklu jibda bil-kliem, **"Bhala regola", dana ma jfissirx illi ghandu jsir hekk kull darba illi l-Prosekuzzjoni jkollha xi provi izda jkun desiderabli illi jsir hekk.** Jekk il-Prosekuzzjoni zzom lura xi prova ghal xi raguni jew ohra dana jista jippregudika biss l-kaz taghha, pero' ma jfissirx illi b'daqshekk m'ghandiex taghti kaz il-provi l-ohra li tkunu gabu. Ghalhekk jekk ilProsekuzzjoni jidhrilha illi mill-provi li resqet ghandha bizzejjed biex ikollha kundanna, allura f'dan il-kaz tista tieqaf hemm u ma toqghodx tghabbi lillQorti b'pizijied zejda.'*

Referenza ghas-sentenza sucitata saret fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Gerada**[3] fejn din tal-ahhar ghamlet referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Fenech Omissis**[4] fejn id-Difiza kienet attakkat il-kaz tal-Prosekuzzjoni minhabba li din kienet ghal xi raguni naqset milli tressaq bhala prova *'il-letter to prosecute'* mahruga mid-Direttur ta' Transport Malta. Il-Qorti qalet hekk:

> *'Id-difiża ssottomettiet ukoll li f'dan il-każ 'il-best evidence' kienet tkun il-letter to prosecute. Fil-fehma tal-Qorti, dan mhux bilfors huwa korrett. L-ewwelnett ħa naraw kif qed tkun ittrattata din ir-regola li tidher fl-artikolu 559 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Settembru 2012.
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 t' Ottubru, 2022
[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-15 t' Ottubru, 2013

*Fil-Blackstone's Criminal Practice tas-sena 2008 )xord paġina 2285 insibu hekk:*

*'The best evidence rule, which was used in the 18th and early 19th centuries as an exclusionary principle, i.e. to prevent the admission of certain evidence where better evidence was available, is now all but defunct.'*

*U Lord Denning qal hekk dwar din ir-regola:*

*The old rule, that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow, and that any less good evidence is to be excluded, has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that, if an original document is available on one's hands, one must produce it; that one cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to weight, and not to admissibility.'*

*Minn dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet jirriżulta li l-best evidence rule kif nafuha ilha li spiċċat. Aħna nibqgħu nippersistu ngħidu l-istess ħaġa qisu qatt ma ċċaqlaq xejn għal tal-anqas dawn l-aħħar 44 sena. Basta ngħidu bħal dak li qalu ta' qabilna.'*

Din il-Qorti tghid illi f'dawn il-proceduri m'hawnx kaz fejn ma giex segwit il-vot tal-ligi bhal l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali u li konsegwentament tirrizulta n-nullita' tas-sentenza appellata. Ghalhekk zgur li ma jistax jigi konkluz illi l-proceduri li saru quddiem l-Ewwel Qorti huma nulli. In oltre, din il-Qorti hi tal-fehma illi kif diga' gie ritenut *supra*, ghalkemm forsi kien ikun iktar desiderabbli li min iffirma 'l-*letter to prosecute'* kellu jikkonfermaha hu bil-gurament, ma jfissirx li ghax din l-istess '*letter to prosecute'* giet ikkonfermata minn xi rapprezentant iehor tal-istess dipartiment allura l-proceduri kollha li saru quddiem l-Ewwel Qorti huma monki. Ghaldaqstant, in vista

tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel aggravju hekk kif imressaq mill-appellant.

Fit-**tieni aggravju** tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi dak li nstab u li gie maqbud mill-ufficjal tad-dwana u l-pulizija kien effettivament oggett dazjabbli. L-appellant jghid ukoll li l-prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni x'kien il-kontenut tal-merkanzija u qatt ma saret inkjesta magisterjali u lanqas ma giet segwita l-procedura tar-repert. In oltre, qatt ma nhatar espert u lanqas qatt ma gie esebit materjalment imqar parti mill-oggetti mertu tal-akkuzi. L-appellant sahaq illi l-unika prova, oltre n-noti ta' qbid relattivi kienu set ta' ritratti a fol. 73 et seq tal-process li juru numru ta' kaxxi tal-kartun maghluqa, li wahda minnhom biss turi pouches tal-plastik u ohra flixken trasparenti fil-mahzen tad-dwana u mhux fejn u kif instabu *a tempo vergine*.

Illi din il-Qorti rat l-evidenza fl-atti processwali, fosthom ix-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti. **Tony Bonello**[5] xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li hu ufficjal tad-dwana, li jaf lill-imputat u spjega kif nhar id-29 t' April kienu ghamlu xi spezzjonijiet fil-van tal-appellant kif ukoll f'xi garaxxijiet tieghu. Meta fethu xi kaxxi li kellu fil-van sabu tabakk tal-brim mbghad go garaxx fil-Qawra sabu sigaretti *duty free*. Hu tenna li l-van u l-affarijiet misjuba gew mizmuma mid-dwana. Dakinhar mieghu kien hemm ukoll Neville Cesareo, Ivan Sammut u Alfred Calleja. Hu esebixxa tlett ricevuti fejn qal li fuqhom kien hemm il-firem tieghu u tal-appellant.

**John Camilleri**[6] ukoll xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li hu ufficjal tad-dwana, esebixxa zewg noti ta' qbid tas-sigaretti u tal-van in kwistjoni u esebixxa wkoll il-*letter to prosecute* li gharaf fuqha l-firma tal-kontrollur tad-dwana.

**Alfred Caruana Petit**[7] ukoll xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li kien qed jixhed in rapprezentanza tad-Direttur Generali tal-VAT Department. Hu pprezenta l-*letter to*

[5] Fol. 20 et seq tal-process.
[6] Fol. 28 et seq tal-process.
[7] Fol. 30 et seq tal-process.

*prosecute* u gharaf il-firma ta' Paul Scicluna li huwa awtorizzat jiffirma ghad-Direttur Generali.

**<u>Neville Cesareo</u>**[8] ukoll xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li hu ufficjal tad-dwana u li kien jaf lill-appellant. Spjega li nhar id-29 t' April, 2007 kienu xoghol l-ajruport u Anthony Bonello kien qall sabiex imorru fuq spezzjoni r-Rabat fejn kien hemm l-appellant b'van abjad ibiegh xi sigaretti. Meta l-appellant fethilhom il-kaxxi li kellu fil-van irrizulta li kien hemm tabakk tas-sigaretti tal-brim. Sussegwentament ghamlu spezzjonijiet f'zewg garaxxijiet ohra, fejn wahda rrizultat fin-negattiv u l-ohra gewwa Triq Wignacourt il-Qawra irrizultat fil-pozittiv. Jghid li l-appellant kien staqsa qabel jekk l-ispezzjoni kienitx ser issir hemmhekk u beda jaghti fuq l-*isteering* u jghid li hemmhekk kellu t-*trouble*. Fl-ahhar garaxx instabu ammont kbir ta' sigaretti u xorb u tabakk bid-dazju mhux imhallas. Muri l-ircevuti li gew rilaxxati tal-oggetti maqbuda hu kkonfermahom u identifika fuqhom l-firem tal-kollega tieghu Anthony Bonello. Hu zied jghid li ma jidirlux li l-appellant iffirma fil-prezenza tieghu. In kontro-ezami hu jghid li l-appellant fl-ebda hin ma qallu li ried icempel lill-avukat u kien cert li ma hadlux il-mobile qabel fetah il-garaxx.

**<u>Lawrence Sammut</u>**[9] xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li hu ufficjal tad-dwana u fis-sena 2007 kien fizzjal tal-*valuation*. Hu jghid li flimkien ma kollega tieghu bl-isem ta' Mario Abela ghamlu stima tas-sigaretti, xorb u tal-karozza. Huma kellhom *database* li kienu jirreferu ghaliha u dejjem kienu jaraw li l-prezz ikun *fair u reasonable*. Hu pprezenta l-valuri ta' tnax-il flixkun whiskey u hames mitt (500) pakkett sigaretti.

**<u>John Sammut</u>**[10] ukoll xehed nhar il-15 ta' Marzu, 2012 fejn qal li hu *senior assistant* id-dwana u li kien jaf lill-appellant. Hu spjega illi dakinhar tad-29 t' April, 2007 huma kienu marru r-Rabat fejn kienu sabu lill-appellant u l-van. Sussegwentament *search* go garaxx iehor irrizultat fin-negattiv u *search* gewwa Triq Wignacourt il-Qawra rrizultat fil-pozittiv u hemmhekk sabu ammont konsiderevoli ta' xorb u sigaretti. Gew infurmati l-pulizija u l-affarijiet kollha ngarru ghand ta' dwana.

---

[8] Fol. 38 et seq tal-process.
[9] Fol. 42 et seq tal-process.
[10] Fol.49 et seq tal-process.

**L-Ispettur Maurice Curmi**[11] xehed nhar il-11 t' Ottubru, 2012 fejn spjega illi nhar id-29 t' April 2007 certu A Bonello, ufficjal tad-dwana kien cempillu u nfurmah li kellhom bzonn l-assistenza taghhom. Hu spjega illi minn tfittxija li saret fil-van tal-appellant irrizulta li kien hemm diversi kaxxi bit-tabakk u go garaxx Bugibba kienu wkoll sabu diversi kaxxi ta' tabakk u alkohol. Fir-residenza tal-appellant ma kien instab xejn. Spjega illi dawn l-oggetti gew elevati mid-dwana u gharaf il-kontenut tal-ircevuti esebiti a fol. 23 et seq tal-process. L-appellant kien gie skortat gewwa id-depot fejn wara li kien tah it-twissija, hu rrifjuta li jwiegeb ghal xi domandi u qal li dan il-garaxx kien qed jikrieh mingahnd certu John Falzon. Peress li l-appellant ma kienx qed jikkowopera, hu kien tah il-*police bail* sabiex hu seta' jkompli bl-investigazzjoni. Il-prodotti tat-tabakk irrizulta li whud minnhom kienu mpurtati minn MN Arrigo u kien tkellem mal-agent. Peress li ma kienux *labelled* hu kien qallu li ma setax jghidlu min kien xtrahom izda kkonfermalu li dawn kienu ntizi ghas-suq *duty free*. Hu kien rega' baghat ghall-appellant, fejn irilaxxja stqarrija pero l-parti l-kbira tad-domandi ma kienx wegibhom. Hu esebixxa l-istqarrija tal-appellant li l-appellant ghazel li ma jiffirmax. Hu gharaf il-firma tieghu u ta' WPC Rose Marie Ellul. Esebixxa wkoll tlett ricevuti li kien ghaddielu l-appellant, ricevuti tal-hlas ta' kera tal-garaxx fejn instabu l-oggetti.

**Anthony Fenech**[12] xehed nhar it-28 t' April, 2016, fejn qal li hu Spettur id-Dwana fit-taqsima tal-*enforcements* fejn hu spjega li ma jafx lill-appellant u kien inkarigat sabiex jiehu r-ritratti tal-merkanzija li nqabdet. Hu esebixxa hmistax (15)-il ritratt.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti rat l-atti processwali, u nnutat illi huwa minnu illi f'dak il-kaz ma saritx inkjesta magisterjali u lanqas repert. Oltre minn hekk l-appellant qieghed jargumenta li lanqas gie mahtur espert mill-Qorti sabiex jikkonferma l-kontenut tal-merkanzija elevata mid-dwana. L-appellant ghamel ukoll referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Borg et.**[13] Din l-ahhar sentenza ghamlet referenza

[11] Fol. 52 et seq tal-process.
[12] Fol. 69 et seq tal-process.
[13] Deciza nhar il-15 ta' Jannar, 2019

għas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Supretendent Simon Galea) (Spettur Frank Anthony Tabone) vs Charles Paul Muscat'**[14] fejn għalkemm b'mertu kompletament differenti għal dan in kwistjoni, ġie kkunsidrat li:

*'Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati tagħna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jiġi misjub ħati l-akkuzi miġjuba fil-konfront tiegħu dawn għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni.*

*F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li lgrad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mirraġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir- raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) ġie ritenut illi:*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-27 ta' Marzu, 2018 (Numru: 54/2013)

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

*Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara*** *fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l- verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.'*

In oltre, fl-istess sentenza sucitata u cioe' **Il-Pulizija vs Michael Borg et**, il-Qorti ppronunciet ruhha fir-rigward tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta:

*'Illi b'qari tal-artikolu 77 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tal-gurisprudenza citata jirrizuta* ***li l-prova li trid taghmel il-prosekuzzjoni hi d-dazju ma thallas****. Minn hemm il-quddiem, l-oneru tal-prova jinkombi fuq l-imputat biex jiprova jekk id-dazju li jmiss fuq l-oggetti giex imhallas, jekk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skont il-ligi jew dwar l-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti. Biss pero' qabel ma tali oneru tal-prova jinxtehet fuq l-imputat, il-prosekuzzjoni la darba trid tiprova li ma rrizultax li thallas id-dazju****, huwa necessarju li l-prosekuzzjoni tiprova x'inhu l-oggett li fuqu kellu jithallas id-dazju u li dan jaqa' taht l-ewwel skeda tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta****.* ***Mill-atti jirrizulta li numru ta' xhieda tal-prosekuzzjoni jaghmlu referenza ghal 'sigaretti' misjuba, biss pero minkejja li gew prezentati numru ta' ritratti fosthom ritratti ta' kaxxi bl-isem***

*'Business Royal' u 'Tradition' kif ukoll kaxxi izghar f'kaxxi akbar, ma giex prezentat ritratti dwar il-kontenut tal-kaxxi jigifieri ritratt ta' sigarett. Dan huwa relevanti fil- kuntest tal-aggravji li qieghed iressaq l-appellant, u dan peress li stante li ma nhatarx espert sabiex jirrelata dwar il-kontenut, filfatt filwaqt li l-prosekuzzjoni tellghat lil PS659 Jeffrey Hughes li ghamel l-ezamijiet kimici ghaz-zvilupp tal-impronti fuq ilkaxxi u boroz tal-plastik u esebixxa r-relazzjoni tieghu u l-Qorti sussegwentement hatret lil Joseph Mallia biex jeleva l-impronti digitali tal-imputati u jaghmel ezami komparattiv, kien jispetta fuq il-prosekuzzjoni sabiex tipprezenta ritratti tal-kontenut tal-kaxxi u mhux biss ritratti ta' kaxxi. Una volta li jigi stabbilit il-kontenut tal-kaxxi, kien umbghad jispetta lill-imputati biex jipruvaw li d-dazju thallas.*

*Ghaldaqstant, fin-nuqqas ta' prova xjentifika u oggettiva minn espert indipendenti u imparzjali illi tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li tali merkanzija kienet kontenenti sigaretti kif ukoll fin-nuqqas ta' imqar provi ohrajn li jipprovaw x' kien il-kontenut gewwa l-istess kaxex u kartun, fin-nuqqas ta' prova li l-kontenut tal-imsemmija merkanzija kienet suggetta ghal ligijiet doganali u fiskali Maltin, l-esponenti huwa tal-fehma li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu sal-grad tac-certezza morali.'*[15]

Illi l-Qorti kienet tistenna li fil-kaz odjern kienet tigi mahtura inkjesta magisterjali, fejn il-Magistrat Inkwirenti kien jahtar esperti sabiex tigi preservata l-evidenza u sabiex jigi kkonstatat u stabbilit l-oggett in mertu. Fin-nuqqas li ssir Inkjesta Magisterjali, il-prosekuzzjoni setghet titlob sabiex l-evidenza tigi prezervata u titlob in-nomina ta' espert sabiex jezamina u jirrelata dwar il-kontenut tal-kaxxi. Fin-nuqqas ta' dan kollu,

[15] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Omissis Anthony Cremona Omissis Omissis Omissis** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar 14 ta' Frar, 2019 u **Il-Pulizija vs Raymond Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminal nhar il-5 t' April, 2022.

il-prosekuzzjoni kellha almenu tipprezenta ritratti cari li juru l-kaxxi miftuha biex jintwera dak li wiehed jistenna li kien hemm gewwa l-kaxxi, ossia s-sigaretti nnfushom. Fir-rigward tax-xorb, din il-Qorti xorta ssostni li l-kontenut irid jigi verifikat minn espert. B'kull dovut rispett, imma ritratti *black and white* fejn jidhru kaxxi, tabelli tas-sigaretti u xi flixken zgur mhux l-ahjar prova li l-prosekuzzjoni setghet iggib. Din mhux kwistjoni, kif gie argumentat fl-ewwel eccezzjoni, li ghalkemm il-prosekuzzjoni ma gabitx il-quddiem certu provi xorta wahda rnexxilha tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni. Ghalkemm din il-Qorti bir-ritratti prezentati u mill-provi prodotti tista' tipresumi li dak li hemm fil-kaxxi li jidhru fir-ritratti prezentati kienu fil-fatt sigaretti u xorb alkoholiku, **prezunzjonijiet ma ghandhomx post fi proceduri penali**. L-irwol tal-Qorti hija li tiddeciedi jekk hemmx htija o meno bil-provi esebiti fil-process biss u cioe' fuq il-provi li ghandha quddiemha u mhux fuq dak li tippresumi li jirrizulta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda takkolja dan l-aggravju tal-appellant u tiddikjara li l-prosekuzzjoni ma rnexxieliex tressaq l-ahjar prova li dak misjub kienu filfatt sigaretti u xorb alkoholiku fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qiedgha tichad l-ewwel aggravju, tilqa' it-tieni aggravju u konsegwentament tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet, ir-raba' u l-hames aggravji u ghalhekk qieghda thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u konsegwentament tillibera lill-appellant George Vella minn kull htija u piena.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**